MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 10/2014

**Bank of Valletta p.l.c. [C-2833]**

**Vs**

**Luke ZAMMIT [ID. Nru. 2889M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tal-bank rikorrenti mressqa fid-9 ta' Jannar, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimat ihallasu s-somma ta' elfejn tmien mija sitta u erbghin euro u erbgha u sittin ċenteżmi ta' euro [€2,846.64c] flimkien mal-imghax ulterjuri mis-27 ta' Novembru, 2013 sal-jum tal-pagament effettiv u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi, l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta attriċi fis-somma ta' elfejn, tmien mija u sitta u erbghin ewro u erbgha u sittin ċenteżmu (€2,846.64), bilanċ ghad-debitu fil-Loan Account tieghu mal-Bank of

Valletta p.l.c. (Dok. A) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-27 ta' Novembru 2013 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 14 ta' Mejju 2013 (Dok. B) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment.

Illi, nterpellat sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenut baqa inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi, s-socjeta attriċi qed tippreżenta wkoll Affidavit skont il-ligi hawn anness u mmarkat Dok. C".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li ma deherx ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal nhar is-26 ta' Mejju, 2014 u tal-lum.

Ra li Dr. Dominic Cassar iddikjara li l-bank rikorrenti ma kellhux provi aktar xi jressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 u 13 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

Semgha x-xhieda ta' Rose Cortis rapprezentanta tal-bank rikorrenti tikkonferma li l-intimat ghad fadallu jhallas lill-bank rikorrenti s-somma ta' €2,846.64 u li fuq dan l-ammont hemm l-imghax skont il-ligi ta' tmienja fil-mija (8%) li ghandu jibda jiddekorri mis-27 ta' Novembru 2013 sad-data tal-hlas effettiv. Id-data tas-27 ta' Novembru 2013 hija d-data ta' kemm kien il-kapital u l-imghax dovut lil Bank sa dakinhar skont il-prospett (Dok. A) anness mat-Talba.

Ra l-affidavit ta' Romuald Attard (fol. 19).

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, l-bank rikorrenti qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' elfejn tmien mija sitta u erbghin euro u erbgha u sittin ċenteżmi ta' euro [€2,846.64c] flimkien mal-imghax ulterjuri mis-27 ta' Novembru, 2013 sal-jum tal-pagament effettiv bhala bilanċ ghad-debitu fil-*Loan Account*.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tal-bank rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' elfejn tmien mija sitta u erbghin euro u erbgha u sittin ċenteżmi ta' euro [€2,846.64c] flimkien mal-imghax ulterjuri mis-27 ta' Novembru, 2013 sal-jum tal-pagament effettiv ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u baqa ma deherx ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal nhar is-26 ta' Mejju, 2014 u tal-lum stess.

7. Jirrizulta li t-talba tal-bank rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mill-bank rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-bank rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tal-bank rikorrenti kif kontenuta fit-Talba tieghu u konsegwentement jikkundanna lill-

intimat jhallas lill-bank rikorrenti s-somma ta' elfejn tmien mija sitta u erbghin euro u erbgha u sittin ċenteżmi ta' euro [€2,846.64c] flimkien mal-imghax ulterjuri mis-27 ta' Novembru, 2013 sal-jum tal-pagament effettiv.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat, inkluż tal-ittra uffiċjali numru 1397/13 datata 14 ta' Mejju, 2013 u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment ma din it-Talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------